**315. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar, jipproponi:**

Billi skont l-artiklu 25 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill għandha tikkonsisti f'Rappreżentanti u Sostituti tagħhom ta' kull Parlament li hu Membru fil-Kunsill, liema Rappreżentanti u Sostituti għandhom ikunu eletti jew maħtura minn fost il-Membri ta' kull Parlament, skont kif dan jiddeċiedi; u

Billi l-artiklu 26 tal-istess Statut jistabbilixxi li l-Membri li jirrappreżentaw lil Malta fl-Assemblea Parlamentari għandhom ikunu tlieta li jista' jkollhom tliet Sostituti tagħhom;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar bħala dawn ir-Rappreżentanti tagħha lil:

L-Onor. Paul Xuereb, President tagħha;

l-Onor. Joseph Brincat; u

l-Onor. Vincent Tabone;

U illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-Sostituti tagħhom:

L-Onor. John Buttigieg, Deputat President tagħha;

l-Onor. George Vella; u

l-Onor. Guido DeMarco; u

Huwa wkoll riżolut illi din in-nomina ta' kull Rappreżentant u ta' kull Sostitut tiegħu tibqa' fis-seħħ sakemm dawn ir-Rappreżentanti u Sostituti jibqgħu Membri ta' dan il-Parlament jew sakemm din il-Kamra ma tiddeċidiex xort'oħra; u

Illi l-Onor. Membri, hekk maħtura għandhom, darba kull sitt xhur, jippreżentaw rapport lill-kamra, u jekk ikun il-każ, rapport ta' Minoranza wkoll, rigward l-attivitajiet tagħhom matul l-istess perijodu; u kopja ta' dan ir-Rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u tkun ċirkolata lill-Onor. Membri; u

Illi għalhekk ir-Riżoluzzjoni ta’ din l-Kamra ta’ l-20 ta’ Jannar, 1986, dwar ir-Rappreżetanza ta’ dan il-Parlament fl-Assemblea Konsultattiva, hija b’din ir-Riżoluzzjoni revokata.

25.07.1986